**Office of the Regulator**
**Granting of Citizenship for Exceptional Services**

# *Tiġdid tal-ħatra tar-Regolatur GħĊSE mill-Prim Ministru*

6 ta’ Frar 2024

Is-Sur Carmel L De Gabriele reġa’ nħatar bħala Regolatur dwar l-Għoti ta’ Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali (GħĊSE) b’effett mit-2 ta’ Frar 2024.

Il-ħatra mill-ġdid tas-Sur De Gabriele għal perjodu ieħor ta’ sentejn ġiet konfermata mill-Prim Ministru permezz ta’ ittra ta’ ħatra li ġġib id-data tas-16 ta’ Jannar 2024. Oriġinarjament, is-Sur De Gabriele kien nħatar bħala Regolatur għal perjodu ta’ sentejn b’effett mit-2 ta’ Frar 2016 permezz ta’ Stqarrija mill-Gvern għall-Istampa numru 160249 maħruġa fis-6 ta’ Frar 2016. Din il- ħatra kienet ġiet ukoll imġedda għal perjodu ta’ sentejn fl-2018, fl-2020 kif ukoll fl-2022. Din il-ħatra mill-ġdid tas-Sur De Gabriele f’din il-kariġa għandha tiġi fi tmiema fl-1 ta’ Frar 2026.

2nd Floor, Evans Building, Merchants Street, Valletta, Malta
T: 25689381 E: orgces.mhse@gov.mt